**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 236/2020**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Matthew Azzopardi**

**<u>Illum 21 ta' Novembru 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, **Matthew Azzopardi** detenur tal-karta tal-identita Maltija **594178M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

U nakkużak talli, f'dawn il-gżejjer bejn Frar 2019 sa Diċembru 2019, b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-ligi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni wabda fil-kapaċita' tieghek ta' uffiċjal tal-pulizija bin-numru tas-servizz PC328:

1. Irrendejt ruhek kompliċi ta' frodi billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew billi nadejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haġa b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qliegh bi hsara ta' aktar minn hames mitt ewro (€500) iżda inqas minn hames elef euro (€5,000), ghad-dannu ta' Transport

Malta u/jew Infrastructure Malta u/jew l-Gvern ta' Malta u/jew l-Korp tal-Pulizija u/jew entitajiet oħra;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi bi ħsara ta' ħaddiehor, irrendejt ruhek kompliċi ta' frodi nnominata billi għamilt xi qliegh b'qerq ta' aktar minn hames mitt ewro (€500) iżda anqas minn ħamest elef euro (€5000) ghad-dannu tal-istess entitajiet;

3. Irrendejt ruhek kompliċi fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet foloz jew taghrif falz lil Awtorita' pubblika, kif ukoll komplici fl-użu tal-istess dikjarazzjonijiet foloz;

4. U aktar talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, sirt hati ta' reat li kellek tissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghek kellek id-dmir li timpedixxi;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri b'hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba ukoll biex skond dak li hemm mahsub fl-artikolu 190 tal-Kap 9, f'każ ta' sejbien ta' htija, l-Qorti għandha tordna l-interdizzjoni ġenerali perpetwa minhabba l-fatt li l-imputat kien uffiċjal pubbliku meta wettaq ir-reati li qed jiġi akkużat bihom;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 tal-Att Kontra -Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, bekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront taż-żewġ imputati;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijjiet ta' Malta
Il-Qorti kienet mitluba wkoll biex skond dak li hemm mahsub fl-Artikolu 190 ta' Kap 9, f'każ ta' sejbien ta' htija, l-Qorti għandha tordna l-interdizzjoni ġenerali perpetwa minħabba l-fatt li l-imputat kien uffiċjal pubbliku meta wettaq ir-reati li qed jiġi akkużat bihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' 15 ta' Jannar 2024 fejn ma sabitx lil Matthew Azzopardi hati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u konsegwentement, illiberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant l-Avukat Generali ppreżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fit 5 ta' Frar, 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati skont l-akkużi migjuba kontra tieghu u tinfliġġi piena skont il-ligi.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa u ghoxrin (2024), l-esponent Avukat Generali irċieva minghand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu filli l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha hawn fuq riferita, inter alia ghamlet interpretazzjoni ħażina tal-liġi u apprezzament żbaljat tal-fatti kif miġjuba li filfatt waslet għall-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih minħabba li, skond l-ewwel l-Onorabbli Qorti, il-fatti ma kienx fihom l-ingredjenti ta' reati kkontemplati fl-artikoli 18, 42, 141, 188, 189, 190, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-ewwel Qorti ddeċidiet li tillibera lill Matthew Azzopardi minn kull reat kif prospettat mill-prosekuzzjoni għaliex fi kliem l-istess Qorti:

*"Il-Korp tal-Pulizija nnifsu ma jistax jitqies li huwa soġġett passiv tar-reat jew li sofra xi telf patrimonjali b'riżultat tan-nuqqasijiet tal-uffiċjali tiegħu, għaliex m'hemm ebda prova li l-korp ġie mitlub jirrimborsa jew effettivament irrifonda lill-klijenti tieghu xi hlasijiet li ppercepixxa minn Infrastructure Malta ghas-servizz ta' extra duties. In kwantu ghall-allegat hlas doppju li ġie percepit mill-imputat meta hadem l-extra duties waqt il-hin tax-xoghol ordinarju tiegħu, il-prosekazzjoni ma zabite prova dwar il-blas tas-salarju tieghu, prova li kienet essenziali biex jintwera li bimputat ghamel gwadann illegali permezz ta' pagament doppju;*

*In konklużjoni il-Qorti tosserva illi jekk il-provi poćesswali, fosthom id-data track locations tal-mutur assenjat lill-imputat u localisations tat-telefon cellularui tal-imputati juru illi l-imputat ġie mhallas indebitament għaliex kien skarta jew naqas milli jeżegwixxi d-doveri dettaljati lilu fuq bażi ta' extra duty jew gie mhallas doppjament, dan jagħti lok għal jedd ta' azzjoni asili ghar-rifutjoni ta' ħlas ghas-servizz li ma giex ipprestat bi ksur tal-obbligu kontrattwali rilevanti. Mingħajr, iżda, provi addizzjonali li jistabilixxu ukoll li l-imputat ghamel dan il-qliegh b'riżultat ta' qerq u ingann adsperat minnu, il-prova waheda ta' skartar minn fuq il-post tax-xogħol mhux biżżejjed ghas-sejbien ta' ħtija għar-reat ta' frodi*

*Ghaldaqstant, dan kollu maghdud hija l-fehma tal-Qorti li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova kif imiss diversi elementi tar-reat ta' truffa, u għalhekk ma tistax tinstab btija fl-imputat ghar-reat taht l-artikolu 308 tal-Kap. 9.*

*[...]*

*Kif diga ġie stabbilit fil-konsiderazzjonijiet li saru ghall-fini tal-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat ta' truffa taht l-artikolu 308 tal-kap. 9, hija nieqsa l-prova fil-grad meħtieġ fil-kamp kriminali għas-sejbien ta' ħtija għal-reat kriminali, dwar l-element tal-ingann. Kif diga ġie stabbilit, il-fatt illi l-imputat jista' jkun li ma hadimx is-sighat kollha tal-extra duty li għalihom ġie mhallas, ghalkhemm jista' ifisser li kien qed jiskarta mix-xogħol, m'huwiex biżżejjed biex jiġi ppruvat l-element tal-ingann meħtieġ ghal sejbien ta' htija għar-reat ta' qligh b'qerq. Inoltre, ghalkhemm jista jkun illi saru dikjarazzjonijiet mhux għal kollox veritieri jew korretti fl-invoices ippreżentati ghal blas lill-klijent, in kwantu l-ammont ta' sighat mahduma fuq bażi ta' extra duty, ma ġiex ipprovat sodisfaċjentement in-ness bejn dawk id-dikjarazzjonijiet u l-imputat. Ma giex ippruvat l-angas l-element tat-telf lill-vittma u n-ness bejn dan it-telf u xi ingann perpetrat mill-imputat: kif ġie abbundantement stabbilit, ma ntwerix li l-klijenti li talbu ghas-servizz ta' extra duties bi hlas qatt ilmentaw mal-Korp tal-Pulizija li ġew mqarqa u jew talbu rifużjoni ta' xi pagament li ġie effettwat lill-korp fir-rigward. Fuq kollox, ma ġiex ippruvat li l-imputat irċieva pagament in eċċess ta' dak li kien dovut lilu in kwantu dawk l-istanzi fejn l-ewwel nofs siegħa tal-extra duty kien jaħbat wagt il-hin normali tax-xoghol tieghu.*

*Għalhekk il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tar-reat minuri ta' frodi taħt l- artikolu 309 tal-Kap. 9, addebitat fit-tieni imputazzjoni.*

*Il-Qorti kif gie kkunsidrat aktar qabel, tqis illi mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni ma giex ipprovat sodisfaijentement li l-imputat ghamel dikjarazzjoni falza jew ta taghrif falz dwar il-hidma tal-extra duties li kienu dettaljati lilu. Dan qed jinghad ghaliex ma ngiebet ebda prova li l-imputat kien jagħmel dikjarazzjonijiet foloz dwar il hin li jkun irraporta ghax-xoghol jew il-hin li ma baqax iwettaq id-dmirijiet ta'*

*extra duty, inkluż f' xi dokument li abbażi tagħhom kien jigi komputat l-ammant donut mill-klijent li jkun talab ghal extra duty. Minn ezami tal-provi processwali l-Qorti fehmet illi skond is-sistema li kienet tithaddem fir-rigward tal-extra duty, il- fattura gbal-hlas kienet tinhareg in segwitu ghal prestazzjoni tas-servizz, kienet tinhareġ mhux lill-imputat iżda minn terzi mingbajr iżda, ma gie ppruvat kif imiss li dan sar jew kien isir bil-komplicita' tal-imputat Matthew Azzopardi skont kif mahsub fid-dispożizzjonijiet tal-artikalu 42 tal-Kap. 9. Kif gie stabbilit, ma jirriżultax li l-imputat kellu ebda invohiment fil-hrug tal-fatturi ghall-hlas tal-extra duty, anke dawk li qed jiġi allegat li kien fihom dikjarazzjonijiet foloz jew taghrif falz dwar il-hinijiet ta' ħidma ta' extra duty.*

*Għaldaqstant l-imputat ma jistghax jinstab hati għar-reat taħt l-artikolu 188 tal- Kap. 9 u lanqas tar-reat konsistenti fl-użu ta' dokument falsifikat taħt l-artikolu 189 tal-Kap. 9.*

*Ghal dawn il-motivi kollha, ma ssib lil Matthew Azzopardi hati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet misjuba kontrih u konsegwentement, tilliberah minn kull ħtija u piena."*

Illi l-esponent ihossu aggravat dwar il-fatt li r-raġunament li għamlet l-ewwel Qorti bid-dovut rispett kollu, kien wiehed hażin, fejn fil-fatt dik il-Qorti ghamlet interpretazzjoni u apprezzament ħżiena kemm tal-liġi u tal-fatti kif fil-fatt irriżultaw mill-atti proċesswali;

**1) L-ewwel Aggravju - Apprezzament żbaljat tal-liġi u tal-provi fir- rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet:**

Illi l-ewwel punt li qed jiġi trattat huwa fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet li ġie rinfaċċjat bihom l-appellat Matthew Azzopardi u cioe, is-segwenti:

1.Irrendejt ruhek kompliċi ta' frodi billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haġa b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' hila jew setgħa fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, ghamilt qligh bi hsara ta' aktar minn ħames mitt ewro (€500) iżda inqas minn hamest elef ewro (€5,000), għad-dannu ta' Transport Malta u/jew infrastructure Malta u/jew Gvern ta' Malta u/jew l-Korp tal- Pulizija u/jew entitajiet ohra;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehur, irrendejt ruhek komplici ta' frodi nnominata billi għamilt xi qliegh b'qerq ta' aktar minn hames mitt euro (€500) iżda anqas minn hamest elf euro (€5000) ghad-dannu tal-istess entitajiet;

Illi l-punt tat-tluq huwa li qabel ma l-esponent jittratta l-provi li ġew ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, irid jinqara u jigi analizzat dak li jipprovdi l-Kodiċi Kriminali, kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-akkużi addebitati lill-appellat,

Illi ghal dak li jirrigwarda r-reat tal-komplicita', l-artikolu tnejn u erbghin (42) tal-Kodiči Kriminali, Kapitolu 9, jipprovdi s-segwenti:

"*Persuna titqies kompliċi f' delitt jekk hija*

*(a) tkun tat ordni lil haddiehor biex jagħmel id-delitt; jew*

*(b) tkun ġieghlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew eghmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*

*(c) tkun tat armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew użati fl-egbmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew*

*(d) ghad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (i), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad- delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew*

*(e) tkun xewxet lil baddiehor inkella sabbet il-volantà tieghu sabiex jagħmel id- delitt, jew weghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah;*

Illi preliminarjament għaldaqstant, fir-rigward tal-kompliċita' il-liġi hija ċara, u cioe tishaq illi persuna tista' titqies bħala kompliċi f'numru ta' ċirkostanzi, u irid jiġi ppreċiżat li fil-każ odjern l-agir tal-appellat jinkwadra taħt żewġ paragrafi ta' dan l-artikolu, u cioe, taht il-paragrafu (b) u (d) peress li kien hemm għemil qarrieqi u abbuż ta' awtorita' minn naha tieghu u jekk le, u sussidjarjament għal dan, li xjentement kien assista lill-awtur, jew awturi sabiex jippreparaw jew jikkunsmaw ir- reat,

Illi ġjaladarba ġie stabbilit dak li jipprovdi l-Kodiċi Kriminali fir-rigward kompliċita, huwa tajjeb li jiġi stabbilit ukoll dak li jipprovdu l-artikoli 308, 309 u 310(1)(b), u cioe is-segwenti;

*"308. Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jagħmel użu ta'ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerą iehor, ingann, jew billi juri haja b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qliegh bi hsara ta' ħaddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prijunerija minn sena sa seba' snin.*

*309. Kull min, bi ħsara ta' ħaddiehor, jagħmel xi qliegh ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel, meta jinsab hati, il-piena tkun ta' prigunerija minn xharejn sa sentejn jew il-multa.*

*310(1) fil-każijiet msemmija f' dan is-sub-titolu -*

*(6) meta l-ammont ta' hsara magħmula mill-hati buwa aktar minn hames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn hamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta' prigunerija minn sitt xhur sa erba' snin:*

*Iżda jekk il-piena stabbilita ghar-reat relevanti fl-artikoli precedenti ta' dan is- Sub-titolu tkun oghla mill-piena stabbilita f' dan il-paragrafu, għandha tapplika l-piena l-ewwel imsemmija miżjuda bi grad u fil-każ tar-reat taht l-artikolu 294, il-piena hekk miżjuda ma tingħatax fil-minimu tagħha;"*

Illi l-liġi u l-ġurisprudenza tagħna huma pjuttost cari fir-rigward ta' dak li huwa frodi u x'inhuma l-elementi tal-reat ta' frodi u jekk wieħed ihares lejn dak ikkontemplat mill-liġi u dak li jirriżulta mill-fatti tal-każ odjern, kif ser jintwera' aktar il-quddiem f'dan ir-rikors tal-appell, huwa ċar li hemm il-frodi u li l-vittmi ta' din il-frodi huma bosta, fosthom il-Korp tal-Pulizija stess u kien l-appellat li kien wieħed minn dawk il-persuni li għamel gwadann minn din il-frodi;

Illi minghajr pregudizzju għal dak espost fil-paragrafu precedenti, mhux biss qiegħed jingħad li l-appellat kien wiehed tal-awturi tal-frodi, iżda li rrenda ruhu bhala kompliċi fi frodi fejn jekk hu ma kienx l-awtur ta' dik l-istess frodi, u kien għen, assista jew b'ghemil qarrieqi ġieghel li jsir dan id-delitt;

Illi f'dan l-istadju sejra tinghata harsa lejn il-ġurisprudenza nostrana fir-rigward tal-frodi, fil-fatt dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet **Pulizija v Anthony Francis Willoughby, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar 1999** sahqet is-segwenti:

*"Fil-liġi tagħna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qhigh gball-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti fil-vittma, propju għax tkun ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f"rajžiri o artifizi" - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene. ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata."*

Illi fis-sentenza fl-ismijeit **il-Pulizija vs Lourdes Castillo, moghtija nhar id-19 ta' Settembru 2012, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**, sahqet is-segwenti:

*"Biex jissusisti r-reat tal-frodi jew truffa ġie ritenut kostantement fil-ġurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati tagħna illi iridu jikkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suġġett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qiegħed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dana ir-reat, u cioe l'użu ta' ingann jew raġġiri li jwasslu lil vittma sabiex isofri telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li nganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi buma nieqsa, allura irOreat tat-truffa ma jistax jissusisti."*

Illi fid-dawl tas-suespost, wieħed irid jgħaddi biex jezamina l-provi li ġew miġbura quddiem l-ewwel Qorti, fejn fil-fatt instemgħu diversi xhieda u jara jekk l-elementi tar-reat ta' frodi jissusistux. Illi jirrizultali ġie stabbilit, anke permezz ta' dak li esprimiet l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-

sentenza tagħha, illi kien minnhu li l-appellat, kien hemm drabi, kif fil-fatt sahaq hu stess li fihom kellu ikun qiegħed xogħol, iżda ma kienx;

Illi l-ewwel Qorti, bid-dovut rispett kollu, b'mod skorrett, sahqet illi l-fatt li ma kienx fuq il-post tax-xogħol meta fil-fatt kellu ikun hemm, kien biss każ ta' skartar u mhux frodi, iżda naqset milli tapprezza l-fatt li kien hemm ftehim, kif fil-fatt irriżulta mill bosta messaġġi li ntbgħatu bejn numru ta' persuni differenti, li kien hemm ftehim sabiex jkopru lil xulxin.

Illi hawn mhux qed nitkellmu fuq okkazzjoni wahda fejn l-appellat ma kienx fuq il-post fejn kellu jkun fl-'extra' izda kien hemm mekkanizmu li jithaddem bejn l- appellat u l-kollegi tieghu fejn fl-'extra' kollega jkopri iehor fosthom lill-appellat minkejja li l-appellat ma kienx qieghed ikun fuq il-post tal-'extra' li jigi assenjat lilu u minkejja dan il-qerq li kienet iwettaq madanakollu kien jithallas tal-'extra' li ma jkunx hadem;

Illi, oltre minn hekk, magħdud ma dak li hemm fil-paragrafu precedenti, l-ewwel Qorti, ma haditx konjizzjoni, ukoll b'mod skorrett, ta' dak li hemm fil-messaġġi eżebiti mill-espert mahtur mill-Magistrat inkwirenti, Alvin Cardona u dan peress li skond l-istess Qorti peress li mhux kull mobile ġie eżebit ma tistghax tiehu konjizzjoni ta' messaġġi minn mobiles li infethu, in vista tal-fatt li l-mobile tal- imputat ma nfetahx;

Illi fir-rigward tal-messaġġi li kienu qegħdin jintbgħatu bejn in-nies kollha involuti f'din il-frodi massiċċa, l-ewwel Qorti kellha xorta wahda tiehu konjizzjoni tagħhom u mhux tiskartahom kif fil-fatt għamlet, u dan peress li ġew eżebiti minn espert mahtur mill-Magistrat f’inkjesta u għaldaqstant, espert li ġie kkonfermat fil-mori tal-proċeduri u għaldaqstant kull ma jkun ġabar u ppreżenta huwa meqjus li jkun ingabar sew u li huwa ammissibli quddiem l-Qorti, jikkostitwixxi prova u għalhekk ma għandux jiġi skartat;

Illi fid-dawl ta' dan, jekk wieħed ikompli għalhekk biex ihares lejn u jezamina dak li qieghed jintqal fil-messaġġi ppreżentati mill-espert, ma jista jasal għal ebda

konklużjoni oħra hlief illi kien hemm ftehim bejn dawn in-nies kollha, inkluż l-appellat sabiex jkopru lil xulxin, u dan fis-sens illi jekk kellhom ikunu qegħdin jagħmlu l-extra duty, kien ikun min kien fil-fatt qiegħed jagħmel ix-shift normali tiegħu li jkoprilhom, waqt li dawk li suppost ikunu qegħdin jagħmlu l-extra duty fil-fatt ma jagħmluhx;

Illi s-sistema adoperata minnhom tant kienet effettiva illi minkejja li kien hemm xi istanzi fejn Infrastructure u Transport Malta Imentaw mal-Korp tal-Pulizija li ma kienx qieghed ikun hemm nies ikopru dawn l-inħawi, huma kienu jaraw li mmedjatament jkopru dawk l-inħawi, minkejja li min kien qiegħed jagħmel l-'extra' ma kienx ikun hemm;

Illi oltre dak hawn fuq espost, wieħed għandu jifhem dak li hemm misjub a fol 216 tal-proċess fejn hemm eżebita korrispondenza li ntbgħatet lin-nies kollha nvoluti, fosthom l-appellat, li fih, l-ispettur Pierguido Saliba, persuna li kienet qed torganizza din il-frodi, saħaq illi l-pulizija kellhom imorru fl-area sorveljata minn CCTV ġewwa l-Marsa, u l-unika konklużjoni li wieħed jasal għaliha in vista ta' dan huwa l-fatt illi kellhom jagħmlu hekk sabiex jagħtu l-impressjoni li min kien qiegħed jagħmel 'extra' kien fil-fatt fuq il-post, minkejja li ma kienx, tant hu hekk illi fl-ahhar ta' din l-email, jisħaq is-segwenti:

> "*Extra tajba nibzaw għalija, ghax jekk tintilef ma nerġawx inġibuha lura. Naħseb li kulħadd għandu jifhimni.*"

Illi maghdud ma dan il-punt wiehed irid ikompli jara dak li rriżulta mill-messaġġi li kienu qegħdin jintbgħatu bejn il-persuni involuti, fejn f’messaġġ partikolari, mibgħut nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u dstatax (2019), fil-hamsa u nofs u hames minuti ta' wara nofs in-nhar (17:35hrs) ingħad is-segwenti kliem:

> "*Min hu TM ghada filgħodu il kaccca mhux ha nifthuha u ha jhalluha Auytomatic.* ***<u>Xorta nirhdu hsieb habba presenza</u>***."

Illi dan il-kliem juri li kien hemm ħsieb ċar fil-modus operanti ta' kull min kien involut, juri li kien hemm ftehim li ma ridux jagħtu l-impressjoni li ma kinux qegħdin jahdmu jew kienu qegħdin jahdmu b'inqas nies milli suppost,

Illi din l-organizzazzjoni li kellhom kienet wahda frawdolenti pero kienet ukoll uriet ċertu nuqqasijiet, u fil-fatt, ukoll lejn l-aħħar żmien qabel ma kienu nqabdu, wiehed mill-messaġġi li kien ntbgħat u li tieghu kien reċipjent l-appellat, kien is-segwenti nhar l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fid-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs):

> "*Qed tara ala i ahhar darba adna li ma tridx tkun fatta li min hu bid detail jamel l ewwel bicca u lahhar bicca*"

Illi l-iskema użata mill-appellat flimkien mal kollegi tiegħu kienet wahda effettiva, u tant kienet effettiva illi jekk wieħed ihares lejn dak li qalu l-entitajiet fil-konfront tal-akkadut, fosthom Frederick Azzopardi in rappreżentanza ta' Infrastructure Malta, li huma lanqas ma kienu jafu li qed isofru dannu;

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet skorretta meta sahqet illi kellha tkun hemm xi talba ta' kumpens fir-rigward ta' iffrodar, l-elementi tar-reat ta' frodi mkien ma jinkludi li għandu ikun hemm talba għal kumpens u għalhekk il-fatt li ma saritx ma jnaqqasx xejn mill-fatt li fil-fatt il-frodi effettivament saret u għalhekk l-appellat kien ukoll hati tagħha, jekk mhux fl-ghemil tal frodi per se, filli kien kompliċi billi ghen li dik il-frodi fil-fatt ssehh;

Illi nuqqas ta' rifużjoni ta' flus ma jfissirx li ma seħħx qerq;

Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponent jishaq illi din l-Onorabbli Qorti għandha thares ukoll lejn dak li qalu kemm l-imputat kif ukoll Alexandra Galea Sillato, wiehed fl-istqarrija tieghu, u l-ohra fix-xhieda li tat quddiem l-Qorti ta' Maġistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li flimkien juru li l-appellat kien jaf perfettament dak li kien qiegħed isehh u kien parti minnu, u oltre minn hekk qatt ma rraportah u qatt ma waqqaf lil ħadd milli jkompli jagħmlu;

Illi fl-istqarrija li tinstab a folio 209 u 210 tal-proċess, l-appellat jishaq li qabel l- 2019, kien talab lil Alexandra Galea Sillato sabiex twaqqfu mill-extra duties, iżda xorta tkompla jitniżżel, ikompli fl-istqarrija biex jgħid li ġieli ma kienx ikun fuq il- post tal-extra u kien jaf li qed jithallas ta' extra pero qatt ma kien iqabbel il-paga ma dak li jkun hadem, u għaldaqstant mkien fl-istqarrija tiegħu ma jinnega l-fatt li kien thallas ta' xogħol li ma hadimx fil-konfront ta' extra duties il-Marsa;

Illi wieħed irid jara ukoll dak li tgħid Alexandra Galea Sillato fix-xhieda tagħha misjuba a fol 616 tal-proċess, fejn ntqal illi hi kienet il-persuna li tqassam ir-roster ta' kull min kien involut fis-sezzjoni tat-traffiku tal-pulizija, u sahqet illi:

> "*Pros: Issa fir-rigward tas-sinjura ta' Matthew Azzopardi u Francis Sciberras, tafhom lis-sinjuri?*
>
> *Xhud: Kienu kollegi tieghi fis-sezzjoni tat-traffic.*
>
> *Pros: Sezzjoni tat-traffic, extra duty kienu jaghmlu?*
>
> *Xhud: Iva.*
>
> *Pros: Jigifieri kienu fuq il-lista li kellek ta' uffiċjali li kienu lesti jagħmlu l-extra duty. U kont tassenjalbom xogħol ta' extra duty?*
>
> *Xhud: Iva.*

*[...]*

*Pros: [...] Qatt irčevejt xi ilment rigward dan?*

*Xhud: Ilment ta' xix?*

*Pros: Rigward dan it-tip ta' extra?*

*Xhud: Minghand min imma ilment?*

*Pros: Ilment, irivejt xi ilment minghand xi ħadd billi kont qed tagħmel hekk u mhux suppost tagħmel hekk?*

*Xhud: Le qatt hadd ma avvičinana, qatt ħadd ma gibidilna l-attenzjoni, qatt hadd ma bghat ghalina, le xejn. Le xejn."*

Illi l-ewwel Qorti, in vista ta' dak li qalu x-xhieda ukoll, qatt ma setgħet tasal għal-konklużjoni ohra għajr li l-appellat kien jaf b'dak li kien għaddej u ma waqafx milli jkompli, lanqas ma waqqaf li min kien qiegħed jagħmlu, u għax qatt ma waslulhom ilmenti, lanqas ma jfisser li l-frodi ma kienx qiegħed iseħħ, anzi ifisser li l-frodi kien wiehed effettiv;

Illi oltre minn dak kollhu hawn fuq espost, l-ewwel Qorti kienet ukoll skorretta meta sahqet li kien qiegħed isir hlas doppju, il-ħlas ma kienx doppju li kellu isir u għalhekk ma kellhiex tingieb prova ta' ħlas doppju u dan peress li fil hin ta' xogħol normali, u cioe mhux ta' extra, l-appellat kien qiegħed ikopri 'extra' ta' haddiehor u mhux tieghu stess u għalhekk l-flus ta' dak l-'extra' kienu se jidhlu ghand haddiehor u mhux għandu, fil-waqt li waqt l-'extra' tiegħu kien ikun hemm xi ħadd qiegħed ikopri lilu;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-ewwel zewg imputazzjonijiet ġew ippruvati skond il-liġi.

**II) It-Tieni Aggravju - Apprezzament żbaljat tal-provi u tal-liġi fir- rigward tat-tielet u raba' imputazzjoni.**

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni addebitata lill-appellat, il-liġi, cioe, il-Kodiċi Kriminali jipprovdi s-segwenti fl-artikolu 188:

> *"188(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti tagħrif falz, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa"*

Illi il-liġi hija pjuttost ċara, u in vista tal-fatti u tal-provi hekk kif mressqa u kif spjegati ukoll fl-ewwel aggravju, joħroġ ċar illi dan ir-reat huwa ippruvat, speċjalment in vista tal-fatt li hawn hekk, bhal ma ġara fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet, hemm l-akkuża tal-kompliċita' u għaldaqstant, huwa ċar li dak li ghamlu l- kollegi ohra li kienu qegħdin jahdmu mal-appellat meta taw informazzjoni falza fuq ir-roster li huwa kien jaf bih ghax kien jaf li ma kienx qieghed jaħdmu, u ma kinux qegħdin jahdmuh il-kollegi tiegħu, jirriżulta fi stqarrija falza. Illi b'konsegwenza ta' dan irreka beneficcju fil-forma ta' hlas ta' 'extra' li fil-fatt ma hadimx;

Illi fir-rigward tar-raba' imputazzjoni addebitata lill-appellat, il-liġi tipprovdi s-segwenti, cioe' l-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 jipprovdi illi:

> *"Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jinghataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubblici, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir hati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghal dak ir-reat, miżjuda bi grad."*

Illi mill-provi, jekk ma jirriżulta xejn iktar, jirriżulta u ma huwiex kontestat illi l-appellat kien membru tal-Korp tal-Pulizija u dan ifisser li kellu d-dmir bħala membru tal-korp illi jara li ma jsirux reati;

Illi mill-provi prodotti hekk kif spjegati ukoll fl-ewwel aggravju, irriżulta li jekk ma kien jaf b'xejn, kien jaf b'din l-iskema frawdolenti li kienet għaddejja u għalhekk kellu d-dmir li jwaqqafha u huwa propju hekk li ma għamilx, il-fatt li ma kienx għamel dak li kellu d-dmir li jagħmel, propju minħabba l-fatt li kien jaf b'dak li hu għaddej, jirriżulta filli hu rrenda ruhu hati ta' dak ir-reat b'dik l-ommissjoni;

Għaldaqstant, it-tielet u r-raba imputazzjoni ukoll ġew ippruvati skond il-liġi;

Illi fis-seduta tal-24 ta' Ġunju, 2024 l-Avukat Generali straħ fuq ir-rikors tal-appell tiegħu, filwaqt li d-difiża għamlet is-sottomisjonijiet tagħha.

**Ikkunsidrat**,

Illi fiż-żewġ aggravji, l-Avukat Ġenerali qed jgħid illi sar apprezzament żbaljat tal-provi u tal-liġi. Din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizja vs Julian Genovese</u>**:[1] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti **<u>ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti</u>***

[1] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

***setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi għal dak li ngħad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawża "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a*

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] 1969] 1 QB 276.

*lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, dimend li ma jkunx hemm raġuni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[8] ingħad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semgħet ix-xhieda hi kif tkun semgħathom l-Ewwel Qorti, u għaldaqstant din tal-aħħar ikollha vantaġġ peress li tkun semgħet ix-xhieda u rat il-komportament tagħhom meta dawn xhedu. Għaldaqstant, din il-Qorti tista' ma

[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

taqbilx mal-Ewwel Qorti, iżda jekk din setgħet legalment u ragonevolment tasal għal dik il-konklużżjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Iżda, din il-Qorti tagħmel eżami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" għall-konklużżjoni ta' ħtija.

Huwa prinċipju fundamentali tal-proċess penali li sabiex l-akkużat jiġi misjub ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, tali akkużi għandhom jiġu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raġuni.** Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[9] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem iehor, **dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali iżda l-provi għandhom jiġu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista' jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċiment fuq analiżi individwali jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Ġudikant għandu jeżamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeċiedi l-kawża abbażi tal-liġi applikabbli, tal-ġurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvinċenti u korroboranti.[10]

Illi għalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **il-kredibilita` tax-xhieda** u dan billi din il-Qorti sejra tagħti qies l-imġieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi oħra tax-xhieda u

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Diċembru 1997.
[10] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**<u>Għandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reat u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li hu l-ħati u l-provi li jiġu mressqa, ikunu kompatibbli mal-preżunzzjoni tal-innoċenza tiegħu.</u>** Illi għalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li gie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**:[11] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi.

**Archbold** fil-ktieb tiegħu **Criminal Practice**[12] b'referenza għal dak li qal Lord Normand fil-każ **<u>Teper vs. R</u>** [13] jgħid:

---

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[12] 1997 Edition Para 10-3.
[13] 1952.

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija eżattament il-pożizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[14]

Din il-Qorti tħoss u tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħal katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija.

Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ċie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[15] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif ġie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[16] mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal għall-konklużjoni tagħha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-evidenza li nġiebgħet quddiem l-Ewwel Qorti.

[15] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[16] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

**L-Ispettur Leanne Bonello**[17] xehedet nhar is-6 ta' Lulju, 2020 fejn spjegat illi nhar is-7 ta' Frar, 2020 hi flimkien ma xi kollegi tagħha mill-Iskwadri tal-Frodi u l-Iskwadra Kontra l-Ħasil tal-Flus, irċievew *briefing* mingħand l-Assistant Kummissarju Ian Abdilla rigward allegazzjonijiet kontra membri tas-Sezzjoni tat-Traffiku fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Dawn l-allegazzjonijiet kienu serq ta' fuel, skartar fuq il-post tax-xogħol, skorti ta' towing ta' dgħajjes fuq l-idejn, *construction u cranes* fuq l-idejn, tranġar ta' *tickets u protection money tal-construction*. Tgħid li hija ġiet assenjata sabiex tinvestiga ammont ta' pulizija fosthom l-appellat. Fost informazzjoni li ġew mgħotija kienet *data sheet* li fiha kien hemm *call profile, invoices* u dettalji, hin minn x'ħin sa x'ħin tibda u tispiċċa l-*extra*, il-post tal-*extra, localization* tal-*mobile, invoice number* skont l-*extra duty* konċernata, l-entita' li ħallset ghall-*extra* u oħrajn. Id-diskrepanza li nstabu kien qed jindika li l-appellat ma kienx fuq il-post fejn suppost kellu jkun *extra* ġew immarkati bl-aħmar. Spjegat illi hi bdiet tqabbel id-dettalji mal-extra li ġie mħallas u mal-*localization li* ġiet ipprovduta flimkien mal-workings, u b'hekk ħarġet il-kalkoli tagħha, u qalet illi anke skont ġustifikazzjonijiet li ngħataw waqt l-istqarrija tal-appellat illi ġew ikkonfermati u mnaqqsa, eżempju l-appellat spjega kif *extra* minnhom hija skorta u għalhekk hu mhux ser ikun *static* il-post fejn ikun u hi kkonfermat dan u naqqsitomlu. Minn hemm ħareġ illi meta l-appellat kien qiegħed jitħallas tal-*extra*, l-*localization* tiegħu wera li kien qiegħed bnadi oħra, fosthom taħt l-antenna ta' lokalita' fejn joqgħod huwa stess, li kien qed jimmarka l-istess *localization* waqt li kien qiegħed frank. L-appellat irilaxxa stqarrija fejn spjega illi ma għandux lussu li jaħdem sieghat zejda u nfatti kien staqsa huwa stess lid-*detail officer* Alexandra Galea Sillato permezz t'email sabiex tieqaf tatieħ *extra duty*, iżda kopja ta'din l-email ma setax itiha dak il-ħin. L-appellat spjega n-numri li huwa għamel użu minnhom. L-appellat spjega li hu ma jzommx *up-to-date* mal-pagamenti li jirċievi fir-rigward tal-*extra duty* minħabba li jkun għadda ħafna żmien minn meta jkun ħadem l-*extra* għal meta jkun tħallas, għaliex ġieli jkunu xhur. Hu spjegalha illi qatt ma rċieva ammonti eċċessivi fil-paga li f'għajnejh jispikkaw bħala ammonti mhux dovuti lejh. Meta mistoqsi fejn kien ikun fl-*extra duty* meta suppost kien ikun Transport Malta, Marsa l-

[17] Fol. 9 et seq tal-process.

appellat irrisponda li bħala Taqsima tat-Traffiku, huma jkunu qed iduru, qatt ma jkun qed jabbanduna l-area tiegħu. Meta kien jidher Ħal Tarxien dan għall-fatt li hija lokalita li żżomm it-traffiku. Meta mistoqsi għalfejn ċertu ġranet kien qed jidher Tarxien u anke Mater Dei, huwa spjega li kien ħdejn missieru li kien ilu erba' xhur l-isptar. Meta mistoqsi fuq l-*extra* ta' Transport Malta f'dati oħra u qed jidher Tarxien huwa rrisponda l-istess u cioe' li huwa jkun *roaming*. Mistoqsi rigward *extra* ħdejn Galletta, MIA Tarxien u Birkirkara fl-akwati tal-Laqxija huwa rrisponda li ma jiftakarx. Huwa żied jgħid li ġieli jaħdem fl-area ta' fuq ta' Malta u ammetta li ġieli mar Paris Garage waqt ix-xogħol. Mistoqsi rigward extra ta' Transport Malta ġewwa l-Imsida f' 8 t' Awwissu, 2019 fejn huwa deher Birkirkara akwati ta' Laqxija, San Pawl u Saqqajja r-Rabat, huwa rrisponda li kien frank u ma kellu xejn imniżżel bħala *extra* jew mod ieħor. Meta mistoqsi fejn kien il-garaxx privat tiegħu huwa rrisponda li kien ġewwa Triq il-Ġdida, Ħal Luqa viċin tal-Balal. Mistoqsi rigward *fixed points* nhar is-17 ta' Settembru, 2019, huwa stqarr li jkunu żewġ pulizija fl-istess ħin, wieħed mat-*traffic lights* u l-ieħor idur l-area. Mistoqsi dwar extra ta' Transport Malta fl-14 t' Ottubru, 2019 kien qed jidher fl-akwati ta' Tarxien, Paola, Gudja, Birkirkara u ħdejn Polidano ġewwa Ħal Luqa huwa rrisponda dejjem li kien qiegħed ikun *roaming*. Sussegwentament fit-tieni stqarrija tiegħu l-appellat ġie muri email mill-Ispettur Pierre Guido Saliba ta' 23 t' Awwissu, 2019 sabiex waqt l-extra ta' Transport Malta kulħadd jibqa' f'postu u ma joħroġx barra mill-area. L-appellat qal li kien konoxxenti ta' din l-email iżda fuq ix-xogħol jekk jibgħatuh x'imkien ieħor, hu jmur. L-appellat spjega li jaħdem bil-mutur u l-iskop tal-mutur kien sabiex jiċċaqlaq ma jkunx statiku. Żied li hu jilbes l-uniformi u ghal dak li jgħajjtulu għalih is-Superjuri tiegħu jaqbad u jmur. Huwa qal li jkun biċ-ċellulari privat u bir-radio tax-xogħol dejjem mixgħul u dan sabiex ikun disponibbli dejjem. Qalet illi hija ġiet notifikata b'ċedola ta' depożitu fin-nom tal-appellat fl-ammont ta' €2,022.11, iżda dan wara li ġew reġistrati l-akkużi.

In kontro-eżami qalet illi l-appellat ma kienx ipprovdiha b'kopja tal-email fejn hu kien qal l-isuperjuri tiegħu sabiex ma jibqgħux jagħtuh *extra duty*. Skond id-*detail* kien ikollu *fixed point duties* u apparti minn hekk Transport Malta kienet tkun fuq il-post u

cioe' l-Marsa, meta kien qed jidher per eżempju Birkirkara li ma għandiex x'taqsam mal-area. Spjegat illi ma kienx ikun *roaming* iżda *fixed point*.

In kontro-eżami nhar it-2 ta' Mejju, 2023[18] tgħid li fir-rigward tal-allegazzjonijiet fil-konfront ta' Matthew Azzopardi kienu dwar l-iskartar waqt l-*extra duty*. Hija elaborat illi ma kienitx bdietha hi din l-investigazzjoni għaliex kienet bdiet mill-Internal Affairs fejn kien jidħol *localization,* skartar ecc. Hija rċeviet kollox *backdated* fl-2020 ta' *localisations* ta' 2018 u 2019 u allura hi żgur ma setgħetx tmur *back in time*. Spjegat fuq liema numri hija kienet ħadmet u ghan-numru 79541128 il-*localisation* tiegħu kienet kollha *blank*. Kienet kellmet lill-Ispettur Bunce u qaltlu dwar dan u li għalhekk ma setgħetx tibgħat għall-appellat. Infatti hija kienet bagħtet għalih at a *later stage* għaliex kollox beda jiġi *diverted* fuq in-numru tas-servizz tiegħu. Tgħid li hija ħadmet fuq ir-rosters li ġew esebiti mill-Ispettur Justin Camilleri. Spjegat li taf li ġew elevati details mill-uffiċju t'Alexandra Sillato u anke ġew esebiti dawk li kellhom il-*control room* mill-Ispettur Justin Camilleri. Ikkonfermat illi l-*localisations* mhux hi talbithom. Tgħid li l-*invoices* qatt ma ġew iffirmati mill-appellat iżda minn Norman Xuereb.

L-appellat irilaxxa stqarrija[19] nhar l-24 ta' Frar, 2020 fejn qal li hu miżżewweġ u għandu żewġt itfal, fosthom tifel bl-awtiżmu u li ħafna drabi matul il-ġimgħa jkollu t-terapiji. Mistoqsi jagħmilx part-time jgħid li ma jlaħħaqx u nfatti talab mas-Surġenta Sandra sabiex ma jkollux *extra.* Spjega li kopja ta' din l-email ma kellux. Spjega illi xorta kien ikun hemm każijiet fejn kien jiftaħ id-*detail* u jsib li kellu *extra*. Kien għamel ukoll *subject form* indirizzata lid-*detail officer* li ma riedx jagħmel iktar *extra*, dan kien qabel bdiet is-sena 2019. Mistoqsi jekk għandux villeġġjatura, huwa wieġeb fin-negattiv u li hu w il-mara ilhom jgħixu mal-kunjata sa mill-2018 u li qabel kienu jikru. Mistoqsi x'għandu bħala assi *immovable* huwa wieġeb xejn. Mistoqsi għandux muturi, huwa wieġeb li għandu tnejn u li wieħed minnhom jieħdu għat-tiswija u service B'Kara Laqxija. Spjega kif għandu żewġ numri ġo mobile wieħed u cioe' wieħed użah meta jkun xogħol u l-ieħor meta jkun frank. Qal li hu stazzjonat it-traffic u li kien ilu juża l-

---

[18] Fol. 661 et seq tal-process.
[19] Fol. 209 et seq tal-process.

mutur tat-traffik sa minn Frar jew Marzu 2019. Mistoqsi kif taħdem l-*extra,* huwa qal li tirċievi d-detail b'email u timxi magħha. Mistoqsi min jieħu ħsieb l-extra u d-detail tax-xogħol, hu wieġeb li s-surġenta Sandra u meta tkun nieqsa s-surġent Norman. Jgħid li hu ma joqgħodx iqabbel l-*extra* u fl-affarijiet ta' karti hu xi ftit traskurat. Jgħid li hu qatt ma ħares lejn total u staqsa lilu nnifsu minn fejn ikunu ġew dawn. Mistoqsi dwar l-informazzjoni li għandhom dwar irregolaritajiet fis-sezzjoni tat-traffiku, hu wieġeb li ma kienx hemm xi ħaġa li seta' jgħid. Mistoqsi kemm tkunu pulizija waqt kull shift tal-*extra* huwa wieġeb żewġ muturi u ta eżempju Garibaldi. Mistoqsi jispjega kif suppost kien *extra* Transport Malta nhar it-23 ta' Frar, 2019 bejn 2.30pm u 10pm u kien qed jidher fil-viċinitajiet ta' Tarxien bejn 15.57 u 20.25hrs, huwa wieġeb li huma dejjem ikunu *roaming* u skartat ma jkunx u li fl-akwati ta' Tarxien ikun hemm it-traffiku. Mistoqsi jispjega kif waqt li suppost kien qiegħed extra VAT nhar il-21 ta' Marzu 2019 bejn 4am u 9am, kien qed jidher San Pawl bejn 06.58 u 08.43hrs, huwa wieġeb li tad-dwana u tal-VAT jista' jkun jagħmlu surprise inspections tal-Virtu jew Tirrenja u ġieli marru taħt Kordin. Minn hemm iwaqqfu *truck* u jekk ikunu qed jiċċekjawlu x-xogħol mal-invoices isuqu warajh, skond fejn ikun sejjer bix-xogħol. Mistoqsi jispjega kif waqt li suppost qiegħed extra Transport Malta Marsa nhar it-8 t' Aprily, 2019 bejn 6am u 2pm iżda kien qiegħed jidher fil-viċinitajiet ta' Tarxien bejn 12:32 u 13:29 hrs u Mater Dei fl-12.10 hrs wieġeb li jaf li missieru kien għamel kwazi erba' xhur l-isptar bil-ftuq iżda ma kienx jaf jgħid fejn iċċaqlaq wara. Mistoqsi jispjega kif waqt li suppost qiegħed *extra* Transport Malta Marsa nhar id-29 t' April, 2019 bejn 6am u 14pm, qiegħed jidher fil-viċinitajiet ta' Tarxien bejn 10.26 u 13.14hrs, l-appellat spjega illi huma qatt ma kienu tal-post, jiġifieri kien *roaming*. Mistoqsi jispjega kif suppost kien qiegħed *extra* Galletta nhar id-9 ta' Mejju, 2019 bejn 6am u 14pm iżda kien qed jidher fil-viċinitajiet ta' MIA f' 15.12. Tarxien 16.18 sa 16.41 u B'Kara Laqxija 18.16, huwa wiegeb li ma jiftakarx. B'Kara Laqxija huwa vicin hafna ta' Perry Garage u mistoqsi kellux xi ħaġa xi jgħid huwa qal li mhux se jgħid li qatt ma għadda waqt il-ħin tax-xogħol u li hu normalment jaħdem in-naħa tat-Tramuntana. Mistoqsi għalfejn kien l-Isla nhar id-9 ta' Lulju, 2019 19.56 sa 20.15 meta suppost kien qiegħed *extra* MTV Floriana, huwa spjega illi fl-MTV huma jeskortaw lil VIPs u jikkontrollaw it-traffiku u żied jispjega illi fuq id-*detail* jidher li kellu struzzjonijiet biex jirraporta għand l-

Ispettur Sant fejn xi struzzjonijiet kien ha zgur. Mitlub jispjega kif kien frank nhar it-18 ta' Lulju, 2019 u gie ordnat *extra* kunċert il-Furjana u tħallas bejn 4am u 1pm, filwaqt li kellu *escort duty* f' 8pm huwa qal li bħal ma kienu raw fid-*detail,* dawn jaqgħu fl-istess numru ta' struzzjonijiet għaliex kienu tal-istess kunċert. Mistoqsi fejn kien l-*escort duty*, huwa wiegeb li ma jafx fejn kien mar. Mistoqsi jispjega kif nhar it-28 ta' Lulju, 2019 hu kien 2nd watch imma tħallas *extra* minn 7pm sa 10pm sabiex jagħmel *extra* ħdejn il-mini ta' Santa Venera u ċ-ċellulari tiegħu kien qed jidher San Pawl f' 22.26hrs, huwa wieġeb li jkun irid jara d-*detail* għax għalih ma kienx qed jagħmel sens. Mistoqsi jispjega kif waqt li suppost kien qiegħed extra Transport Malta nhar is-6 t' Awwissu, 2019 bejn 6am u 14pm kien qieghed jidher fil-viċinitajiet ta' Tarxien 06.01 sa 06.32, 08.37 sa 09.52, 10.06, 11.24, 12.10 u 13.10, huwa wieġeb li ma jistax jgħid li jiftakar u li xtaq li jsib ċans u jiċċekja d-*details* hu. Mistoqsi jispjega kif waqt li suppost kien extra Transport Malta Msida nhar it-8 t' Awwissu, 2019 bejn 6pm u 4am, kien qiegħed jidher fil-viċinitajiet ta' B'Kara Laqxija 19.11 sa 19.36hrs, San Pawl 21.12hrs u s-Saqqaja 21.24hrs, l-appellat wieġeb illi hu kien *'off'* u ma kellu xejn fid-*detail* bħal ma kienu raw. Mistoqsi jispjega kif waqt li suppost kien qiegħed extra Transport Malta nhar il-21 t' Awwissu, 2019 bejn 6am u 14pm, kien Luqa Polidano dakinhar fis-13.55, huwa wieħeb illi skond il-*localization* qegħda viċin Garibaldi roundabout u l-Kunsill tal-Ewropa, iżda bħala ġurnata partikolari ma jiftakarx. Mistoqsi kif waqt li sippost kien *extra* Transport Malta Marsa nhar is-17 ta' Settembru, 2019 bejn 06.00 0 14.00 hrs jidher li kien hemm xi ħinijiet li kien Tarxien u Paola, huwa wieġeb li kienet *rush hour*. Mistoqsi jispjega kif waqt li suppost kien extra Transport Malta Marsa nhar is-26 t' Ottubru, 2019 bejn 06.00 u 14.00hrs iżda kien qiegħed Tarxien, Paola, B'Kara Paris u B'Kara Laqxija bejn 06.19 u 13.37hrs spjega illi jista' jkun il-każ li jkunu xogħol Transport Malta imma dak il-ħin ukoll ikun hemm tad-*duty*. L-appellat spjega illi mhux tad-*duty* kienu jlaħħqu lil tal-*extra*, imma jekk hu kien barra u nqala xi ħaġa fl-akwata, jekk seta' jgħin kien jassisti. Mistoqsi li dakinhar tas-17 ta' Settembru, hu kien fixed-point u x'kellu jgħid dwar dan, l-appellat spjega illi jekk qegħdin tnejn min-nies kellek wieħed jieħu ħsieb il-lights u ieħor jekk ikun hemm bżonn *roaming*. L-ordnijiet kienu jkunu li jieħdu ħsieb li ma jkunx hemm traffiku u għalhekk wieħed kien jiċċaqlaq u l-ieħor kien jibqa' mal-lights. Mistoqsi jispjega kif nhar l-14 ta' Novembru,

2019 suppost kien Transport Malta, Marsa iżda kien f'lokalitajiet oħra, jgħid li kien *roaming*. Mistoqsi x'kien għamel bil-flus tal-*extra* u kienx qasam xi flus ma' min kien daħħlu fl-iskema, l-appellat wieġeb illi l-paga jżommha għalih u jgħid li s-sistema tal-*extra* fil-korp hija xi ħaġa komuni. Jgħid li *extra* waqt il-ħin tax-xogħol huwa ma jagħmilx u qatt ma għatta lill-ħaddieħor. Hu kien jara kollox minn fuq *id-detail* u hu qatt ma ħa ħlas fuq il-post u jgħid li fir-rigward tat-towing ta' dgħajjes kbar ma jafx kif jinġabar il-ħlas. Mistoqsi jekk qattx għamel *extra duty* ma' Swaey Bros, Lonzu Garage u/jew Grixti, huwa wieġeb fin-negattiv. Rigward l-*extra* ma' *cranes* u siti ta' kostruzzjoni jgħid li ma jafx kif isiru l-bookings u hu jimxi fuq id-*duties* tiegħu. Mistoqsi kemm idum sabiex jitħallas għall-*extra*, jgħid li tant idum li qas jiċċekkja xi jkun qabad. Mistoqsi li xi kuntratturi jgħaddu l-flus lill-pulizija tat-traffik sabiex dawn jagħlqu għajnejhom fuq diversi kontravenzjonijiet, l-appellat wieġeb illi huma kellhom nies li weġġgħu minhabba *trucks* li taqalhom u għalhekk żgur mhux ser jgħattilhom. Fir-rigward tal-*fuel* tal-mutur huwa spjega kif huwa jagħti l-*fuel* lill-mutur tiegħu u meta jkollu bżonn, isaqsi lis-surġent jew il-maġġur għal voucher. Mistoqsi dwar pressjoni fuq kull pulizija sabiex kull meta jagħtu l-*fuel,* hames (5) litri lura minn kull għaxra (10) li jitfgħu, huwa qal li ma jafx biha din.

**Charmaine Zammit**[20] xehedet għan-nom ta' Vodafone Malta Limited nhar l-14 ta' Settembru 2020 fejn qalet illi kienu ġew mitluba nhar il-15 ta' Frar, 2020 fuq numru 99000328 li rriżulta li huwa rreġistrat fuq l-appellat. Hija ppreżentat CD fejn qalet li hemm *localization, registration details* fuq it-telefonati u *call profile*.

Charmaine Zammit[21] reġgħet xehedet nhar id-19 t' Ottubru, 2020 fejn għaddiet lid-difiża kopja ta' CD u fejn qalet li l-*localisation* jitilgħu mal-*calls*. Spjegat illi minn-naħa tagħhom ikunu għaddew kollox kemm telefonati u kemm messaġġi.

In kontro-eżami nhar it-2 ta' Mejju, 2023 xehedet illi hi tieħu r-rapport u l-localization toħroġ b'mod awtomatiku mal-*call profile*. Qalet illi r-rapport ġabitu hi mis-sistema. Hija spjegat kif idaħħal in-numru u l-perjodu u toħroġ b'mod awtomatiku. Qalet li s-

[20] Fol. 220 et seq tal-process.

[21] Fol. 236 et seq tal-process.

CDs li kienet ippreżentat, ħejjiethom hija stess, iżda bħala informazzjoni li *keyat* setgħet kienet kollega tagħha. Id-difiża preżentat estratt allegatament mis-sit tal-Vodafone, madankollu hija ma setgħetx tixhed fuqha għax ma kienitx taf biha.

**Anthony Bonnici**[22] xehed għan-nom ta' GO plc nhar l-14 ta' Settembru, 2020 u ppreżenta rapport datat bejn it-12 ta' Settembu 2019 u d-9 ta' Settembru, 2020. Hu ppreżenta *incoming SMSs u incoming calls.* Jgħid li l-mobile number konċernat kien irreġistrat fuq ċertu Jennifer Muscat.

Anthony Bonnici[23] reġa' xehed nhar id-19 t' Ottubru, 2020 fejn reġa' ppreżenta *call u sms profiles* illi kienu taw lill-pulizija abbażi tar-*request* tagħhom, liema profili jkopru mit-23 ta' Diċembru, 2018 sa l-20 ta' Diċembru, 2019. Il-linja konċernata rriżulta li hija reġistrata fuq Ms Jennifer Muscat.

**Spettur Bernard Bunce**[24] xehed nhar id-19 t' Ottubru, 2020 fejn qal li nhar d-9 ta' Dicembru, 2019 kien ġie mitlub jinvestiga ittra anonima minn persuna li ddeskriva ruħu bħala *whistleblower* fejn indika numru ta' prassijiet ħżiena li kienu qed isiru fit-taqsima tat-traffiku tal-pulizija. Fost dawn l-allegazzjonijiet kien hemm waħda partikolari li titkellem dwar l-*extra duty* li l-pulizija tat-traffiku kienu qegħdin jagħmlu max-xogħol, mal-kostruzzjoni tal-*flyovers* ġewwa l-Marsa. Kien gie allegat li waqt il-ħin tax-xogħol, il-pulizija li kienu xogħol qed ilaħħqu lill-pulizija li ma kienux xogħol u li suppost kienu qegħdin *extra* u vici versa. Kien identifikat is-Surgent Norman Xuereb bħala l-persuna li kien qed jieħu ħsieb din il-prassi u dan għaliex kien hu li jiltaqa' mal-uffiċjali ta' Transport Malta u Infrastructure Malta għall-ħlas. Spjega illi meta entita' mhux fil-pulizija jkollha bżonn is-servizzi tal-pulizija titlob għal *extra duty.* Għalhekk dan ix-xogħol ma jsirx waqt il-ħin tax-xogħol tal-pulizija iżda jsir wara. L-entita' meta jsir ix-xogħol tgħaddi l-flus lill-korp tal-pulizija u l-korp tal-pulizija jħallas lill-pulizija. Elabora billi qal illi jekk ma jkunx hemm pulizija biżżejjed u allura

[22] Fol. 224 et seq tal-process.
[23] Fol. 238 et seq tal-process.
[24] Fol. 230 et seq tal-process.

l-*extra* tinħadem waqt il-hin tax-xogħol, dawk il-flus minflok jitħallas il-pulizija, jibqgħu għand il-korp tal-pulizija. Hu kien talab ammont ta' dokumentazzjoni fosthom id-*detail* biex jara l-pulizija kuljum xi jkunu xogħol, il-lista tal-muturi sabiex jara liema pulizija kellu liema mutur assenjat lilu, id-*data track* biex tagħti l-lokazzjoni tal-muturi fejn jinsabu, l-irċevuti tal-ħlas ta' Transport Malta u ta' Infrastructure Malta u kif ukoll il-ħlasijiet li l-korp kien għadda lill-pulizija mis-sezzjoni tal-accounts. Meta hu rċieva d-*data track* innota li kien hemm ammont sostanzjali ta' minuti li ma kellhomx id-*data track*, jew qed jaħdem u l-mutur ma kellux id-*data track* installat. Irriżultalu li kien hemm pulizija li bdew jirċievu ħlasijiet waqt il-ħin tax-xogħol. Peress li kellu data limitatata huwa talab lis-service providers biex jgħaddulhom id-data tal-mobile phones u meta rċieva l-informazzjoni kollha bdew ħerġin numru oħra t'ufficjali li allegatament ma kienux qed jersqu għall-*extra*. Kien hemm volum kbir ta' data li riedet tiġi analizzata u kien infurma lill-uffiċjali tiegħu, ġew identifikati numru ta' spetturi u kull spettur ġie assenjat numru ta' pulizija. Sussegwentament infetħet inkjesta u spjega kif kien hemm xift li beda jiftiehem ma xift ieħor biex waqt il-ħin tad-duty ilħħaqu l-extra u *vice versa*. Jgħid li f'dan il-każ partikolari kien hemm żewġ numri tal-mowbajl involuti.

In kontro-eżami jgħid li hu xtaq jixhed b'mod ġenerali għaliex hu għaddha l-informazzjoni lill-ispettur Investigatur u hi kellha tidħol fid-dettal b'mod speċifiku. Mistoqsi jekk ivverifikax li dawk in-numri tal-mobiles huma tal-appellat, jgħid li hu vverifika kemm fuq in-numru ntern li l-pulizija kien ipprovda lill-pulizija, lill-*human resources* u kemm dak li jidher fis-sistema tal-pulizija.

Nhar it-8 ta' Ġunju, 2023, L-Ispettur Bernard Bunce[25] reġa' xehed in konto-eżami. Fejn mistoqsi fuq liema details hu kien ħadem jekk hux dik tal-*control room* jew dik tas-Surgent Sillato, huwa wieġeb li kien ħadem fuq tal-*control room*. Mistoqsi jekk bħala prassi jekk ikun hemm tibdil fid-*details*, dawn jitniżżlu u jinżammu mis-Surgent bħala *detail officer* u qatt ma l-*control room* ma jkunu jafu bihom, huwa wieġeb li jaqbel ma dan. Mistoqsi dwar il-verifiki tal-messaġġi ta' Whatsapp u li l-appellat qatt ma

[25] Fol. 680 et seq tal-process.

ssemma f'dan ic-*chat group* huwa wieġeb li qatt ma ssemma iżda fic-*chats* kienu jirreferu għall-ftehim li kien isir mas-shift l-ieħor. Spjega illi minn tnejn u tletin (32) mutur li saret l-ispezzjoni fuqhom, xi sebgha (7) biss kienu qed jibgħatu l-messaġġi tad-*datatrack*, l-oħrajn ma kienux qed jiffunzjonaw. Spjega li hu kien qagħad fuq il-*localization* tal-mobile għaliex *piu o meno* meta jaqbad, jaqbad mal-eqreb tower. Spjega li hu ħadem fuq id-*data track* u għalhekk il-*location* tal-mutur u l-*location* tal-mobile u bdew ituh l-istess riżultat.

**Spettur Timothy Zammit**[26] xehed nhar id-19 ta' Novembru, 2020, fejn qal illi nhar il-11 ta' Frar, 2020 kien ġie mitlub mill-pulizija fi ħdan it-taqsima tar-reati ekonomici sabiex jassisti fi tfittxijiet li kienu saru fil-*premises* tas-sezzjoni tat-traffiku u sussegwentament kien gie mitlub ukoll sabiex jgħaddi d-devices li kienu ġew miġbura mingħand il-pulizija individwali, lill-espert li kien maħtur parti mill-inkjesta u cioe' lis-Sur Alvin Cardona. Huwa ppreżenta kopja tal-lista tal-*mobile devices* li kienu ġew mgħoddija lilu. Jgħid li l-*mobile* li kien elevat mingħand l-appellat kien ġie mmarkat bħala MOB 41. Spjega li kellu jiġbor ukoll kopja ta' xi mailboxes ta' xi pulizija tat-traffiku mingħand il-MITA. Jgħid li ġiet a konjizzjoni tiegħu email mibgħuta mill-Ispettur Pierre Guido Saliba lill-membri kollha tat-traffiku fejn dan tal-aħħar elenka responsabiltajiet tal-pulizija li kienu qed jagħmlu *duty* m' Infrastructure Malta fl-akwati tal-Marsa.

**Joseph Saliba**[27] xehed nhar id-19 ta' Novembru, 2020 għan-nom tal-JobsPlus fejn esebiexxa l-*employment history* tal-appellat.

**PC 7 Maurizio Agius D'Amico**[28] xehed nhar id-19 ta' Novembru, 2020 fejn qal li l-appellat huwa membru tal-korp bin-numru 328 u beda fil-pulizija nhar it-22 ta' Frar, 2007 fejn ġie stazzjonat it-taqsima tat-traffiku. Nhar il-25 ta' Frar, 2020 l-appellat gie sospiz mill-Korp.

[26] Fol. 246 et seq tal-process.
[27] Fol. 252 et seq tal-process.
[28] Fol. 260 et seq tal-process.

**L-Inġinier Fredrick Azzopardi**[29] xehed nhar l-20 ta' Jannar, 2021 fejn qal li huwa l-Kap Eżekuttiv t' Infrastructure Malta u li kien ilu jokkupa din il-kariga sa minn Settembru 2018. Huwa spjega kif meta jkunu se jagħmlu xi xogħolijiet huma jirrikjedu l-assistenza għall-immaniggjar tat-traffiku. Spjega kif fuq il-progett tal-Marsa huma talbu l-ghajnuna tal-pulizija. Bhala invoicing it-total tal-Marsa kien jammonta ghal €534,016.19. Jghid li meta kien ikun hemm xi laqghat, dawn principarjament kienu jsiru mas-Surgent Norman Xuereb u meta kien igibilhom l-*invoices,* kienu jhallsu. Ghal certu laqghat, gieli kien prezenti wkoll l-Ispettur Pierre Guido Saliba. Jghid li kien hemm ukoll Supretendent izda li ma jistax jiftakar min hu. Imma zied jghid li s-Surgent Norman kien il-persuna li kien qisu *liason* mal-pulizija. Jghid li gieli kien hemm kazijiet ta' *double invoicing* u gieli anke kien hemm rapporti li ma kienx hemm pulizija fit-triq u ghalhekk kienu jigbdu l-attenzjoni. Fil-maggorparti qal li kienu joqghodu fuq dak rakkomandat mill-pulizija. Jghid li meta kien naqas ix-xoghol, min-naha taghhom, kienu gibdu l-attenzjoni sabiex jitnaqqsu l-pulizija u kien gie msejjah *meeting* f'dan is-sens u gie maqbul li jitnaqqsu l-pulizija. Jghid li dejjem kien jiehu *feedback* dwar affarijiet li kien jigbdilhom l-attenzjoni fuqhom.

In kontro-ezami spjega li huwa kien qed jitkellem b'mod generali. Jghid li kienu l-pulizija mill-investigazzjonijiet taghhom li kienu ndunaw b'dan kollu u mhux huma.

In kontro-ezami nhar it-2 ta' Mejju, 2023[30] fejn qal li jiftakar li kien hemm zewg cirkostanzi fejn kien hemm nuqqasijiet min-naha tal-pulizija tat-traffik. Jghid li ma jafx jekk l-appellat kienx involut f'dawn in-nuqqasijiet u hu ma kienx kellmu u ma jafux. Mistoqsi jekk gewx sofruti danni, hu wiegeb fin-negattiv u qal anzi gieli kienu jcemplulhom fuq affarijiet ohra li ma kienux mifthema bhal xi kolluzjoni, il-pulizija kienu jattendu u ma kienux jintalbu hlas ulterjuri ghal dan. Meta kienu jistaqsu dwar xi nuqqas, ir-risposti li kienu jiehdu mill-pulizija kienet tkun accettabli ghalihom. Spjega li l-progett tal-Marsa kien mifrux fuq area kbira u cioe' mit-tardf t' Aldo Moro fejn kien hemm il-fabbrika tas-sufarini, sa fejn ir-roundabout ta' Rahal il-Gdid, jibqa'

[29] Fol. 271 et seq tal-process.
[30] Fol. 666 et seq tal-process.

tiela sar-roundabout ta' Santa Lucija u jibqa' sejjer sa ta' Garibaldi u jinzel 'l isfel u taqqad ic-cirku. Spjega li bhala servizz mill-pulizija kien tajjeb, anke bhala rati ta' hlas ghaliex Spettur ta' pulizija jiswa inqas minn ufficjal ta' Transport Malta.

**Clint Axisa**[31] xehed nhar l-20 ta' Jannar, 2021 fejn qal li jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Infurzar ta' Transport Malta u li kien ilu jokkupa din il-pozizzjoni ghal madwar sentejn. Jghid li dwar il-progett tal-Marsa kien ikollhom diversi laqghat fejn kien ikun hemm prezenti l-Ispetturi Pierre Guido Saliba u Nicolai Sant kif ukoll is-Supretendent Walter Spiteri u s-Surgent Norman, fejn kienu jitolbuhom fejn jigu stazzjonati l-pulizija. Spjega kif kien ikollhom stazzjonati pulizija iktar fic-centru tal-Marsa, fic-centru ta' Hal Luqa, Hal Tarxien, il-Gudja, Santa Lucija u dawk it-toroq kollha illi jillidjaw ghall-progett tal-Marsa. Jghid li ghandu rispett lejn l-appellat izda ghandu d-dubbji tieghu jekk qattx kellmu. Spjega kif gieli kien hu li lmenta ghan-nuqqas ta' prezenza tal-pulizija. Jghid li kien hemm emails, izda minhabba s-*server* ta' Transport Malta *down* ma setax igibhom. Qal li kontroll fuq il-hlas hu ma kellux u dan ghaliex Infrastructure Malta tiehu hsieb dan. Meta kien jilmenta dwar in-nuqqas ta' prezenza tal-pulizija kif kienu mifthemin, jghid li wara ftit minuti kienu jigu l-pulizija u r-risposta dejjem kienet tkun ghax qeghdin fuq bicca xoghol ohra.

In kontro-ezami jghid li l-ilmenti tieghu saru tul il-progett tal-Marsa imma kien impossibli ghalih jidentifika dati.

**Maria Dolores Fenech**[32] xehedet nhar il-25 ta' Frar, 2021 bhala Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali fejn esebiet proces verbal dwar allegat abbuz fis-sezzjoni tat-traffiku.

**Justin Camilleri**[33] xehed nhar il-25 ta' Frar, 2021 fejn qal li stazzjonat bhal pulizija fil-*control room* izda spicca fis-sena 2020. Hu gie mharrek sabiex jesebixxi d-*detail* tas-snin

[31] Fol. 294 et seq tal-process.
[32] Fol. 303 et seq tal-process.
[33] Fol. 403 et seq tal-process.

2018 u 2019 tas-sezzjoni tat-traffiku. Spjega li dawn kien ghaddihom lill-Ispettur Bernard Bunce. Huwa esebixxa DVD u qal li l-estrazzjoni kien ghamilha hu mid-dokumenti fid-*database tal-control room*.

In kontro-ezami nhar it-2 ta' Mejju, 2023[34] jghid li hu pprezenta biss id-*details* li kien hemm il-*control room* u mhux dawk li kellha s-surgent Sillato. Suppost meta tinbidel xi haga fid-detail, id-*detail officer* kien jibghatilhom verzjoni aggornata ta' dak id-dokument. Hu prezenta dawk li kellhom u jekk kienx hemm xi aggornamenti li ma waslux il-*control room* ma jafx. Ma jistax jeskludi li kien hemm xi aggornamenti, izda hu spjega x'suppost isir.

**<u>PC883 Shaun Cutajar</u>**[35] xehed nhar l-24 ta' Marzu, 2021 fejn gharaf lill-appellat quddiem l-ewwel qorti u qal li kien xhud tal-istqarrija tieghu u gharaf il-firem fuq l-istess stqarrija esebita fl-atti.

**<u>Spettur Danilo Francalanza</u>**[36] xehed nhar l-24 ta' Marzu, 2021 fejn gharaf lill-appellat quddiem l-ewwel qorti u dan ghaliex hu kien prezenti meta ttihditlu l-istqarrija mill-Ispettur Leanne Bonello u prezenti kien hemm ukoll Dr Mario Buttigieg.

**<u>Dr Kenneth Camilleri</u>**[37] xehed nhar l-4 ta' Mejju, 2021 fejn kien qal li *harget freezing order* ricentament u li l-Asset Recovery Bureau kienet ghadha ghaddeja bl-investigazzjonijiet taghha.

**<u>PS 1147 Antoine Fenech u PC 415 Randall Gili</u>**[38] xehedu konguvament nhar l-20 ta' Gunju, 2021 fejn qalu li kienu gew mahtura mill-Magistrat Inkwerenti sabiex jaccedu gewwa l-garaxx tal-pulizija fejn hemm is-sezzjoni tat-traffiku, kien hemm sezzjoni tat-traffiku d-depot ukoll. Ix-xoghol taghhom kien jikkonsisti fit-tehid ta' ritratti tal-

[34] Fol. 670 et seq tal-process.
[35] Fol. 409 et seq tal-process.
[36] Fol. 411 et seq tal-process.
[37] Fol. 414 et seq tal-process.
[38] Fol. 417 et seq tal-process.

ufficini tat-traffiku, siggilar tal-istess ufficini, kif ukoll *searches* li saru fl-istess ufficini. Fl-istess inkarigu kien hemm it-tehid ta' ritratti xta' muturi kif ukoll xi dettalji minn fuq muturi tat-traffiku stess. Huma min-naha taghhom prezentaw ir-ritratti.

**Maria Geraldine Farrugia**[39] xehedet nhar l-10 ta' Gunju, 2010 mis-sezzjoni tas-salarji tal-pulizija fejn esebiet dokumenti tal-*extra* li thallsu fl-2018 u l-2019.

**Alvin Cardona**[40] xehed nhar il-15 ta' Lulju, 2021 fejn qal li l-mobile tal-appellat kien illokjat. Jekk kien qed jidher *f'chat groups* ohrajn, kien ser jigi accessat x'qal u ma qalx. Jghid li evita metodi nvazivi sabiex ma ssirx hsara. Jghid li ma ttihdux pen-drives minghand l-appellat. Fir-rapport tieghu inghad illi c-cellulari bin-numri 41 tal-appellat ma kienx possibli li l-kontenut jigi accessat minhabba l-mod kif jinfetah ma giex provdut u metodi alternattivi gew ppruvati minghajr success.

**Marilyn Lauria Marmara**[41] xehedet nhar il-15 ta' Lulju, 2021 fejn esebiet vera kopja tal-inkjesta dwar allegat abbuz fis-sezzjoni tat-traffiku tal-pulizija.

**PS 957 Colin Spiteri**[42] xehed nhar il-11 ta' Jannar, 2022 fejn qal li ma kellhomx access ghad-data track u li l-appellat l-ewwel kien juza GVP 555 u dan mill-14 sat-18 ta' Jannar, 2019 imbghad kellu mutur GVP 718 mit-23 ta' Jannar, 2019 il-quddiem. Hu xehed in rapprezentanza tal-garaxx, u fil-garaxx dawn kienu registrati li kienu qed jintuzaw mis-Sur Azzopardi. Jghid li l-lista ta'min kien assenjat liema mutur, kienu ghaddewilu l-Ispettur Pierre Guido Saliba u l-Ispettur Nicky Sant. Hu gharaf lill-appellat quddiem l-ewwel qorti.

[39] Fol. 424 et seq tal-process.
[40] Fol. 443 et seq tal-process.
[41] Fol. 483 et seq tal-process.
[42] Fol. 591 et seq tal-process.

**Supretendent Anthony Agius**[43] xehed nhar il-21 ta' Frar, 2022 fejn qal illi bhala muturi huma ma jkollhomx ghand min ikunu assenjati u kull ma jkun jaf li hemm sittin mutur assenjati s-sezzjoni tat-traffiku. It-tqassim tal-muturi fuq il-pulizija individwali jkun mis-supretendent tas-sezzjoni tat-traffiku jew b'arrangament mad-*detail officer* taghhom. L-Ispettur Nicholas Vella kien ghaddielu lista ta' kif kienu mqassmin fil-passat il-muturi u kif kienu mqassmin dakinhar. Spjega li rrizultalu li l-appellat kien jahdem dejjem skond il-lista GVP 718 u meta ccekja fuq is-sistema tal-petrol dan qabel li kien l-appellat li kien jahdem b'dan il-mutur.

**Alexandra Galea Sillato**[44] xehedet nhar il-21 ta' Frar, 2022 fejn qalet li l-proceduri fil-konfront taghha kienu ntemmu u li hija kienet surget is-sezzjoni tat-traffiku u li kienet ilha hemm minn Ottubru 2005 sa Frar 2020. Spjegat kif ghal bidu kienet l-ufficju u f'2014 nizlet taghmel id-*detail* u cioe' tqassam in-nies u *commitments.* Dan kien isir kollox fuq dokument u mbghad kien jintbghat il-*control room* u lill-individwu via email. Fid-detail, l-*extra duty* kien jitnizzel bil-hin u l-post u dan skond il-persuna bin-numru. Id-*detail* kienet issir mil-lum ghal ghada. Qalet kif l-*extra* ta Transport Malta gieli kienet tinbidel f'temm ta' ftit minuti u jigifieri billi kien hemm hinijiet specifikati, kienu jinbidlu kemm il-hinijiet u kemm il-postijiet. Mistoqsija minn fejn kiejet tigi din id-direzzjoni sabiex jinbidlu dawn il-hinijiet, hija wiegbet li minghand Transport Malta. Dawn tal-ahhar kienu jikkomunikaw mal-kollega taghha s-Surgent Norman Xuereb u sussegwentament tigi emendata d-*detail* billi jew titnizzel bil-miktub fuq d-*detail* stess jew titnizzel bil-kompjuter. Tghid li wara dan id-*detail* ma kienitx terga' tintbghat. Mistoqsija kif il-pulizija kienu jkunu nfurmati b'dan il-bdil, hija wiegbet li probabbli kienu jaghmlu kuntatt bejniethom, b'mod informali u li kien ikun is-Surgent Norman li kien jinfurma lill-pulizija u mhux hi. Spjegat kif in-nies tal-*extra* kienu jkunu *off* jew *leave* jew ikunu *extra* diga' u per ezempju Transport Malta jkunu jridu jahdmu iktar hin, allura tara n-nies li hemm *extra* jistghux jibqghu. Tghid li kienu qishom ballun f'idejn Transport Malta. Qalet mhux billi tara Transport Malta Marsa, ghax il-progett ma kienx limitat ghal hemm biss, peress li bhala progett kien wiehed vast,

[43] Fol. 603 et seq tal-process.
[44] Fol. 616 et seq tal-process

allura pulizija jista' kien mitlub jmur oltre l-Marsa. Tghid li lista essac ta'min kien jaghmel l-*extra duty* ma kelliex ghaliex imbghad tidra n-nies u gieli anke giet bzonn min ma kienx jaghmel *extra duty* ukoll. Il-hinijiet li kienu jigu mitluba minn Transport Malta u n-numru t'individwi li jkunu assenjati kienu jigu kkomunikati lis-Surgent Norman. Tghid li anke hi gieli ghamlet *extra duty* ghalkemm ftit u peress li hi ma ghandiex mutur kienet tmur toqghod hemm thares u tara li ma jehilx it-traffik. Hi dwar dan tkellmet mas-Surgent Norman u kien qalilha li hemmhekk ma jmur hadd u waqfet hemm. Tghid li hija kienet tkun id-dar pero' suppost kienet tkun *extra duty* imnizzla u ghalhekk wehlet li wehlet. Dak iz-zmien tghid li s-Surgent Norman kien qalilha li tista' ma tmurx. Tghid li ma baqghetx taghmel hekk u cioe' li tibqa' d-dar meta kienet imnizzla *extra duty* ghaliex kienu marru ghalihom. Tghid li l-appellat kien kollega taghha fis-sezzjoni tat-traffik u *extra duty* kien jaghmel. Gharfet lill-appellat quddiem l-ewwel qorti.

In kontro-ezami nhar it-2 ta' Mejju, 2023[45] ikkonfermat illi hija kienet *detail officer* tas-sezzjoni tat-traffiku fejn kienet taghmel id-*detail* lill-pulizija tat-traffik. Mistoqsi jekk kienx hemm zmien fejn l-appellat kien ghamel *subject form* li hu ma riedx jaghmel *extra duty,* hija kkonfermat li dan kien minnu. Mistoqsija ghaliex hija baqghet tatih l-*extra duty*, hija wiegbet ghax kienu marsusin bix-xoghol. Spjegat kif kienet tintbghat email lill-*control room* u lin-nies tas-sezzjoni, u kienet tigi *printed* u jzommu kopja fil-file taghhom. Qalet ukoll li kuljum kienet tohrog wahda. Spjegat kif meta kien jinbidel xi haga kienet tigi mnizzla fid-*detail* taghhom, tas-sezzjoni tat-traffiku. Mistoqsija kienitx tigi mmarkata min-naha tal-*control room* hija wiegbet fin-negattiv. Tghid li d-*detail* kienet tinbdiel bosta drabi ghaliex gieli bniedem idum aktar extra, gieli jkun hemm tibdiliet f'postijiet ta' rotot u allura anke habba hin kienu jridu jirrangawhom minhabba hlas. In oltre, gieli anke fuq id-detail kien jidher li kienu suppost xoghol x'imkien ma Transport Malta u imbghad kellhom imorru skorta ma xi haddiehor.

[45] Fol. 672 et seq tal-process.

**Joana Buttigieg**[46] xehedet nhar id-29 ta' Marzu, 2022 fejn qalet illi hija *relationship manager* tal-kumpanija Loqus Buisness Intelligence u spjegat kif giet mitluba ggib id-*data track locations* tal-muturi GVP 706 u GVP 718 u dan ghas-sena 2019.

In kontro-ezami hija tghid illi qatt ma kien hemm talba sabiex jigu kkalibrati dawn il-muturi.

**PL Quentin Tanti**[47] xehed nhar it-12 ta' Mejju, 2022, fejn ipprezenta r-rapport tieghu li jikkoncerna hamsa u tletin mutur.

**Ikkunsidrat**,

Illi **l-ewwel aggravju** mressaq mill-Avukat Generali jirrigwardja apprezzament zbaljat tal-ligi u tal-provi fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet. L-ewwel zewg imputazzjonijiet jirrigwardjaw ir-reati ta' komplicita' ta' frodi b'ghemil qarrieqi u qliegh b'gherq.

Skont il-Kodici Kriminali, senjatament Artikolu 42 intitolat *Komplicità Fid-Delitti*, jinghad is-segwenti:

> *42. Persuna titqies komplici f'delitt jekk hija –*
> *(a) tkun tat ordni lil haddiehor biex jaghmel id-delitt; jew*
> *(b) tkun gieghlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew eghmil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita` jew setgha, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*
> *(c) tkun tat armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jigu uzati; jew*
> *(d) ghad li ma tkunx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c), b'xi mod li jkun, xjentement,tkun ghenet jew assistiet lill-*

[46] Fol. 631 et seq tal-process.
[47] Fol. 635 et seq tal-process.

*awtur jew lill-awturi tad-delitt fl- atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat; jew*

*(e) tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volontà tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah.*

Illi l-figura tal-komplici tirrizulta kull meta jkun hemm wiehed mill-azzjonijiet indikati fl-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali ndikat *supra.* Madanakollu, dawn necessarjament, iridu jkunu marbuta mal-kummissjoni tar-reat, f'dan il-kaz qed nitkellmu dwar ir-reat tal-frodi. Dan ghaliex irid necessarjament, jirrizulta l-partecipazzjoni fil-intenzjoni kriminuza sabiex jiriaffigura 'l hekk imsejjah "*common design*" mehtieg, bejn l-awtur/ko-awturi u l-komplici. Mankanti dan il-pjan pre-ordinat bejn dawn in-nies kompartecipi fil-kummissjoni ta' delitt, kwindi tonqos ukoll ir-reità.

Il-Professur Mamo fin-noti tieghu[48] jghid hekk dwar dan is-suggett tal-komplicita':

> *"A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence."*

Illi in oltre, jmiss issa li din il-Qorti tara x'jghidu l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali u dan fejn jirrigwardjaw l-ewwel zewg imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellat:

[48] Fol. 124 et seq.

*308. Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.*

*309. Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa.*

*310. (1) Fil-każijiet imsemmija f'dan is-Sub-titolu –*

*(b) meta l-ammont ta' ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta' priġunerija minn sitt xhur sa erba' snin:*

*Iżda jekk il-piena stabbilita għar-reat relevanti fl-artikoli preċedenti ta' dan is-Sub-titolu tkun ogħla mill-piena stabbilita f'dan il-paragrafu, għandha tapplika l-piena l-ewwel imsemmija miżjuda bi grad u fil-każ tar-reat taħt l-artikolu 294, il-piena hekk miżjuda ma tingħatax fil-minimu tagħha;*

Illi il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aaron Mizzi**[49] elaborat dwar l-elemeti rikjesti sabiex jirrizultaw ir-reati hekk kif provduti fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali:

*'Illi abbazi ta' **Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-*

[49] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Jannar, 2015.

*segwenti elementi:* ***(i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali****. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta'* ***frodi nnominata*** *kkontemplat fl-****Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, semplici gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.'***

In oltre, din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Azzopardi**[50] fejn il-Qorti kwotat gurisprudenza li taghmel referenza ghar-reat tal-frodi jew truffa ai termini tal-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali:

*'Hawnhekk il-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet* ***il-Pulizija vs Emmanuel Ellul***[51] *fejn inghad fil-ligi taghna element essenzjali ghall-esistenza tar-reat ta' truffa huwa il-mise en scene, cioe dawk l-artifizi jew raggiri idoneji*[52] *li jinducu u li efettivament ikunu inducew lill-vitma fi zball – l-ingann - u li b'konsegwenza ta' dak l-izbal il-vitma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegh ghall-agent.*

*Kif jispjega il-gurista Taljan* ***Francesco Antolisei*** *b'artifizio' wiehed ghandu jifhem.*

[50] Deciza nhar it-23 ta' Frar, 2021.
[51] *Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' Gunju 2007*
[52] *Enfasi tal-Qorti.*

*"ogni studiatoa trasfigurazione del vero , ogni cammuffamento della realta effettuato sia simulando cioe che non esiste (per es. Richezza titoli, nome,. Qualita ecc), sia dissimulando, vale a dire, nascondendo cio che esiste ( per es. Il proprio stato di insolvenza di persona congiugata o inabilitata, l'uso di una determinate cosa ecc)[53].*

*L-istess awtur jiddfinixxi ir-rggir bil-mod segwenti:- "... il raggiro .... e' un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu' precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita'[54]" .*

*Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kumplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandhiex. Hekk per ezempju, meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragjonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dan ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna, jew jipprova jinganna, b'wahda mill-forom kontemplati fil-ligi taghna. Kif del resto sehh f da nil-kaz meta l-appellant baghat dak id dokumetn bankarju esebit fl-atti a fol. 75 dok MM2.*

*In fatti kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs Anthony Chircop</u>***[55] *"... biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, ma hux bizzejjed is-semplici gidba, imma jehtieg illi jkun hemm ukoll apparat esteru li jaghti fidi lil dik il-gidba".*

---

[53] *Manuale di Diritto Penale – Parte Specilae 1 Giuffre (Milano ) 1986 p. 285*
[54] *Ibid.*
[55] *Deciz mill Qorti tal Appelli Kriminali nhar is- 16 ta' Settembru, 1944. Vol. XXXII/IV/755*

*Pero', kif inghad, element sostanzjali iehor tar-reat in dizamina huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. In fatti t-truffa komunement tigi imqabbla mas-serq u mal-appropjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tlett reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondeni qligh. Fi kliem iehor l-awtur appena citat:*

*"Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato [di truffa] e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita. Ambedue questio reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche' il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un'arbitraria, e percio' non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa, invece, l'agente, mediante artifizi o raggiri, riesce ad ottenere che la vittima si danneggi da se': consegni una cosa, assuma un'obbligazione, rinunzi ad un diritto, ecc.: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri"*[56].

*Kif mistqarr fis-entenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis***[57]

*"Ghar-reat ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 (illum art. 308) tal-Kodici Kriminali, kif jidher mid-dicitura partikolarment deskrittiva adoperata hemm bzonn li tirrisulta materjalita specifika li sservi ta' substrat ghall-versomiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u hekk bhala mezz ta' qerq. Ma hemmx bizzejjed ghall-finijiet ta' dak l-artikolu, affermazzjonijiet luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta'*

[56] *op. cit., p. 293*
[57] *Deciz mill Qorti tal -Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Ottubru 1959. Vol. XLIII/IV/1137*

*apparat estern li jirrivesti bi kredibilita l-affermazzjonijiet menzjonjeri tal-frodatur".*

Fir-rigward tal-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali u cioe' dak li jipprovdi dwar ir-reat tal-frodi nominat, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Puliizja vs Carmela German**[58] fejn gie ritenut is-segwenti:

> *"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Din il-Qorti tibda sabiex tghid illi dan hu appell mill-wiehed mill-kazijiet fejn diversi pulizija mis-sezzjoni tat-traffiku gew imressqa quddiem dawn il-Qrati akkuzati b'reati ta' frodi, dikjarazzjonijiet foloz u reati simili. Fil-kaz odjern principarjament qieghed jigi allegat illi kien hemm ftehim bejn zewg xifts mit-taqsima tat-traffik sabiex l-*extra duty* isir waqt il-hin tax-xoghol u dawn ix-xifts ilahhqu lil xulxin. Illi hafna mill-provi prodotti f'dan il-kaz kienu iktar generici u inqas specfici, partikolament in konnessjoni mal-appellat. Il-Qorti fliet ix-xhieda u d-dokumenti prezentati konsistenti *f'localisation data*, kemm tac-cellulari, kif ukoll tal-mutur assenjat lill-appellat u qablithom mal-*extra-duties* li hadem l-appellat fis-sena 2019. Madankollu, din il-Qorti ma rrizultalix illi l-prosekuzzjoni ressqet xi prova li l-appellat kien komplici fi frodi. Minkejja l-fatt li l-appellat mhux dejjem kien fuq il-post fejn suppost kien stazzjonat fl-*extra duty*, ma

[58] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Dicembru, 2004.

jfissirx u ma jirrizultax li dan kien f'konfoffa ma' xi kollegi tieghu sabiex jonqos milli jaqdi dmirijietu w jithallas xorta. L-appellat ma kienx wiehed li jinnegozja jew li jithallas b'mod dirett minghand l-Awtoritajiet ghall-*extra-duty*, anzi kien wiehed li sahansitra kien talab bil-miktub sabiex ma jibqax jinghata *extra-duty* ghax ma kellux cans ghal dan.[59] In oltre, ma jistax jinghad illi l-provi kontra l-appellat huma univoci u b'sahhithom. **Ghal kuntrarju, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti u cioe' li l-provi huma skarsi u mankanti.**

Din il-Qorti ghal darb ohra tfakkar lill-partijiet li l-grad tal-prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hija dik ta' 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, madankollu mill-provi prodotti lanqas biss jirrizulta li kien hemm xi ftehim pre-ordinat bejn l-appellat u xi haddiehor sabiex jircievu xi hlasijiet zejda. L-Avukat Generali jaghmel referenza ghal xi estratti ta' messaggi sabiex jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti bil-htija tal-appellat. Illi apparti li dan l-fatt hu nuqqas ta' lejalta lejn il-Qorti ghaliex jekk ser issir referenza ghal email jew messagg ghandu jsir *in toto* u mhux *in parte*, il-Qorti terga tfakkar li dak li hu probbabli mhux bizejjed bhala prova skond il-ligi ghal prosekuzzjoni u dan stante li l-livell li din tal-ahhar trid tilhaq hu wiehed oghola minn dan. *Di piu'*, f'dan il-kaz jirrizultaw diversi suspetti u anke affarijiet li jistghu jkunu possibli, madankollu dak li hu possibli m'ghandux postu quddiem din il-Qorti u dan stante li taht il-kappa tax-xemx kollox hu possibli. Huwa dak id-dubju dettat mir-raguni li meta tezamina l-provi kollha, tezaminhom sew, tikkonkludi li ma tistax tasal biex tghid li l-akkuzat huwa hati. Dak huwa d-dubju dettat mir-raguni. Jigifieri l-prosekuzzjoni ma thalli l-ebda dubju dettat mir-raguni f'mohh il-gudikant, dwar il-htija ta' l-akkuzat. Jigi enfasizzat li dubju dettat mir-raguni ma jfissirx lil hinn minn kull ombra ta' dubju, l-ombri, '*shadows*' mhumiex id dubbju li irid tilhaq il-prosekuzzjoni

Ghaldaqstant din il-Qorti tghid illi ma jezistux provi sufficjenti li juru li l-appellat ghandu jinstab hati b'komplicita' ta' frodi ai termini tal-Artikoli 308 et seq tal-Kodici

[59] Kif stqarr l-appellat stess fl-istqarrija tieghu u kif ikkonfermat ukoll ix-xhud Alexandra Galea Sillato fil-kontro-ezami.

Kriminali. In oltre, lanqas ma jirrizulta li Infrastructure Malta, Transport Malta jew il-Korp tal-Pulizija sofrew xi telf patrimonjali konsegwenza ta' dan il-frodi. Tant hu hekk illi x-xhud Fredick Azzopardi ghan-nom t' Infrastructure Malta meta mistoqsi in kontro-ezami nhar it-2 ta' Mejju, 2023[60] jekk Infrastracture Malta soffrietx xi danni, huwa wiegeb fin-negattiv u elabora illi kien hemm cirkostanzi li kienu jcemplu lill-pulizija tat-traffik minhabba xi haga li tkun inqalghet bhal kolluzjoni u dawn kienu jassistuhom minghajr ma jitolbu hlas *extra*.

Illi ghar-ragunijiet kollha sucitati, din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali fl-intier tieghu.

Permezz **tat-tieni aggravju**, l-Avukat Generali qed jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u tal-ligi fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjoni.

It-tielet imputazzjoni tirifletti l-Artikolu 188(1) tal-Kodici Kriminali u li jipprovdi hekk:

> *188. (1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa: Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.*

Fir-rigward ta'dan l-artikolu tal-ligi, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Caruana**:[61]

[60] Fol. 666 et seq tal-process.
[61] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 2010.

*"Hawn l-appellant jinsab akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:*

*"Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa: Izda ebda haga f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi ligi ohra li tipprovdi ghal piena oghla."*

*Il-prosekuzzjoni ssostni illi l-appellant ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal set ta' number plates foloz fuq it-trakk mertu ta' dan il-kaz.* ***<u>Ir-reat deskritt fl-artikolu 188 tal-Kap. 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika</u>*** *filwaqt illi dak imsemmi fl-artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija v. Paul Galea</u>*** *moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:*

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu,* ***fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu*** *(Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu),* ***mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose***

***contrarie al vero".*** *Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."*

L-Avukat Generali qieghed isostni illi dan ir-reat jirrizulta u dan stante li hemm l-akkuza tal-komplicita u ghaldaqstant dawk li ghamlu l-kollegi tal-appellat meta taw informazzjoni falza fuq ir-roster, li huwa kien jaf bih u la hu u anqas il-kollegi tieghu ma kienu qed jahdmuh, jirrizulta fi stqarrija falza. Rizultat ta' dan huwa bbenifika b'mod remunatorju minn *'extra'* li fil-fatt ma hadimx.

Illi din il-Qorti terga' tishaq illi ma jirrizultaw l-ebda provi sufficjenti u sal-grad rikjest mill-ligi li l-appellat kien komplici tal-kollegi tieghu meta taw informazzjoni falza fuq ir-roster sabiex jibbenefikaw minn '*extra*' li fil-fatt ma hadmux. Fil-kaz partikolari tal-appellat, il-Qorti tfakkar illi dan sahansitra hu stess talab sabiex ma jaghmilx *extra-duty*. Kif diga' gie ritenut *supra*, il-Qorti ghal darb'ohra, zgur ma tistax issib lill-appellat hati tat-tielet imputazzjoni abbazi ta' provi fjakki u ekwivoci.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, l-appellat qed jigi akkuzat bl-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali:

> *141. Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.*

Illi stante l-fatt illi l-appellat ma nstabx hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet, lanqas ma jista' jinstab hati tar-raba' imputazzjoni u dan stante il-fatt illi sabiex din tirrizulta, l-appellat ried l-ewwel jinstab hati ta' reat. Ghaldaqstant din l-imputazzjoni fil-konfront tal-appellat Matthew Azzopardi ma tissustixxix.

L-Avukat Generali jargumenta illi jekk l-appellat ma kien jaf xejn, kien jaf b'din l-iskema frawdolenti li kienet ghaddejja u ghalhekk kellu dmir li jwaqqafha, izda dan ma ghamlux u ghalhekk rrenda ruhu hati ta' dak ir-reat b'dik l-ommissjoni. Madankollu dan il-fatt jista' forsi jwassal ghal passi dixxiplinari nterni fi hdan il-Korp, izda mhux ghal reat kriminali.

**Din il-Qorti temmen b'mod shih li min jikser il-ligi ghandu jkun sanzjonat. Madankollu, il-kawtela meta persuna tigi akkuzata u sussegwentament imressqa quddiem il-Qrati, hija xi haga li ghandha tinghata importanza u attenzjoni kbira. Dan qed jinghad in vista tal-fatt li hawnhekk qed nitrattaw ma' individwi li hajjithom tispicca affetwata b'mod drastiku, kemm personalment u anke professjonalment wara li jghaddu proceduri kriminali. L-Avukat Generali ghandu jara li verament jkun hemm raguni sabiex jigi intavolat appell u mhux jara jekk il-kawza hiex wahda li tikreja sensazzjoni mal-media. Hawnhekk ghandna il-liberta tal-bniedem.**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda tichad iz-zewg aggravji hekk kif imressqa mill-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu u ghalhekk qeghda tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier taghha.

Consuelo Scerri Herrera

Imħallef